Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2251

11.11.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2251

tal-10 ta' Novembru 2025

dwar il-miżuri dwar l-eżawrjenza għall-fini tar-Regolament (UE) 2019/516 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tal-introjtu nazzjonali gross bi prezzijiet tas-suq, u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/168/KE, Euratom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/516 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-armonizzazzjoni tad-dħul nazzjonali gross bi prezzijiet tas-suq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003 (ir-Regolament dwar id-DNG) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Billi:

(1) Il-miżuri dwar l-eżawrjenza huma waħda mill-kwistjonijiet elenkati fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2147 ([2]).

(2) Mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/168/KE, Euratom ([3]), sar titjib sinifikanti fl-armonizzazzjoni u fil-kwalità tal-miżuri dwar l-eżawrjenza applikati mill-Istati Membri. Minkejja dan it-titjib, sabiex id-data dwar l-introjtu nazzjonali gross (ING) tkun affidabbli, eżawrjenti u komparabbli, il-miżuri dwar l-eżawrjenza jeħtieġ li jiġu armonizzati aktar, filwaqt li jitqiesu r-riżultati tal-verifika f'dan il-qasam. B'mod partikolari, il-verifika tal-ING żvelat il-bżonn li jiġu armonizzati aktar il-miżuri relatati ma': (i) il-paragun bejn id-data dwar l-impjiegi skont is-sorsi demografiċi u l-estimi sottostanti għall-impjiegi tal-prodott domestiku gross (PDG) bi prezzijiet tas-suq; (ii) aġġustamenti statistiċi relatati mal-introjtu *in natura* u tips jew gratwitajiet; (iii) l-użu ta' informazzjoni mill-awditi fiskali għat-titjib tal-eżawrjenza tal-estimi tal-PDG; u (iv) l-aġġustamenti statistiċi li jappartjenu għal attivitajiet ekonomiċi illegali.

(3) Is-sorsi demografiċi (bħall-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol, iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni) huma mezz effiċjenti ta' validazzjoni tal-estimi tal-PDG sottostanti għall-impjiegi (pertinenti għall-kumpilazzjonijiet tal-PDG mill-approċċi tal-produzzjoni u tal-introjtu) jew ta' kif isiru l-aġġustamenti għall-PDG għall-produzzjoni u l-introjtu mhux osservati. L-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol twettaq b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha abbażi tar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u dwar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2240 ([5]). Sorsi tal-istatistika tan-negozju, bħall-istatistika strutturali tan-negozju u r-reġistru tan-negozji għal finijiet statistiċi, użati għall-kompilazzjoni tal-PDG fl-Istati Membri kollha jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) (ir-"Regolament EBS", European business statistics) u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1197 ([7]).

([1]) ĠU L 91, 29.3.2019, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/516/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2147 tat-8 ta' Ottubru 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/516 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jiddefinixxi l-lista ta' kwistjonijiet li jridu jiġu indirizzati f'kull ċiklu ta' verifika (ĠU L 428, 18.12.2020, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/2147/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/168/KE, Euratom tat-22 ta' Frar 1994 dwar miżuri li għandhom jittieħdu għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom dwar l-armonizzazzjoni tal-kompilazzjoni tal-prodott gross domestiku fi prezzijiet tas-suq (ĠU L 77, 19.3.1994, p. 51, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1994/168/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1700/oj).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2240 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jispeċifika l-elementi tekniċi tas-sett tad-data, li jistabbilixxi l-formati tekniċi għat-trażmissjoni tal-informazzjoni u li jispeċifika l-arranġamenti dettaljati u l-kontenut tar-rapporti tal-kwalità dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ kampjun dwar il-forza tax-xogħol f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 336, 30.12.2019, p. 59, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/2240/oj).

([6]) Ir-Regolament (KE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju, li thassar 10 atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2152/oj).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1197 tat-30 ta' Lulju 2020 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet u l-arranġamenti tekniċi skont ir-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju, li thassar 10 atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju (ĠU L 271, 18.8.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1197/oj).

(4) L-introjtu *in natura* u t-tips jew il-gratwitajiet huma fenomeni preżenti fl-Istati Membri kollha, u l-estimi tal-PDG jistgħu jeħtieġu aġġustamenti biex jaqbduhom.

(5) Fl-Istati Membri kollha jeżistu taxxa fuq l-introjtu personali u korporattiva u sistemi ta' taxxa fuq il-valur miżjud, flimkien mal-mekkaniżmi li jikkorrispondu mal-awditi fiskali. L-informazzjoni mill-awditi fiskali tista' tintuża biex isiru aġġustamenti għall-produzzjoni u għall-introjtu rrapportati ħażin.

(6) Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) ("ESA 2010", European System of Accounts), l-Istati Membri kollha għamlu aġġustamenti għall-PDG, fejn xieraq, biex jitqiesu l-attivitajiet ekonomiċi illegali li jaqgħu fil-limitu tal-produzzjoni.

(7) Għalhekk, fl-Istati Membri kollha teżisti infrastruttura statistika u amministrattiva li tippermetti armonizzazzjoni ulterjuri ta' dawk il-miżuri dwar l-eżawrjenza.

(8) L-aggregati tal-ING u l-komponenti tagħhom għandhom jikkonformaw mad-definizzjonijiet u mar-regoli kontabilistiċi rilevanti tal-ESA 2010.

(9) Sabiex jiġu armonizzati aktar il-miżuri dwar l-eżawrjenza, il-miżuri stabbiliti fid-Deċiżjoni 94/168/KE, Euratom għandhom jiġu sostitwiti, u għalhekk id-Deċiżjoni 94/168/KE, Euratom għandha titħassar.

(10) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

Fini u kamp ta' applikazzjoni

Artikolu 1

L-iskop ta' dan ir-Regolament huwa li jtejjeb l-eżawrjenza tal-PDG bħala komponent ewlieni tal-ING tal-Istati Membri fir-rigward tal-attività ekonomika li taqa' fi ħdan il-limitu tal-produzzjoni tal-ESA 2010. Dan jinkludi attività ekonomika li hija legali fiha nnifisha iżda li ma hijiex imwettqa f'konformità mar-regolamenti dwar it-taxxa u s-sigurtà soċjali, kif ukoll attività ekonomika li hija illegali skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, dment li l-unitajiet kollha involuti jidħlu fl-azzjonijiet bi qbil reċiproku, kif stabbilit fil-paragrafu 1.79 tal-ESA 2010.

Artikolu 2

Minbarra l-miżuri previsti fil-Kapitoli 4 sa 7 ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri addizzjonali speċifiċi għall-pajjiż biex jindirizzaw il-lakuni fl-eżawrjenza tagħhom.

KAPITOLU 2

Eżawrjenza

Artikolu 3

1. L-estimi tal-ING u tal-PDG huma "eżawrjenti" meta jkopru:

(a) il-produzzjoni, l-introjtu primarju u n-nefqa li huma osservati direttament fi stħarriġ statistiku jew f'fajls amministrattivi; u

([8]) Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/549/oj).

(b) l-produzzjoni, l-introjtu primarju u n-nefqa li ma humiex osservati direttament u li ma humiex relatati ma' wieħed jew aktar mill-fenomeni li ġejjin:

(i) l-assenza ta' unitajiet ekonomikament attivi minn fajls statistiċi;

(ii) l-evażjoni tal-ħlas tat-taxxi u/jew tal-primiums tas-sigurtà soċjali;

(iii) l-eżenzjoni mill-obbligu li tiġi ppreżentata informazzjoni lill-awtoritajiet tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali;

(iv) id-defiċenzi statistiċi fid-data.

2. L-assenza ta' unitajiet ekonomikament attivi minn fajls statistiċi msemmija fil-paragrafu (1)(b)(i) jinvolvi n-nuqqas ta' reġistrazzjoni fil-fajls statistiċi ta' unitajiet ekonomikament attivi rreġistrati mal-awtoritajiet fiskali jew tas-sigurtà soċjali, u ta' unitajiet ekonomikament attivi li deliberatament naqsu milli jirreġistraw sabiex jevitaw obbligi ta' taxxa u sigurtà soċjali jew minħabba li huma involuti f'attivitajiet illegali.

3. L-evażjoni tal-ħlas tat-taxxi u/jew tal-primiums tas-sigurtà soċjali msemmija fil-paragrafu (1)(b)(ii) tinvolvi s-sottomissjoni ta' ċifri lill-awtoritajiet tat-taxxa jew tas-sigurtà soċjali li fihom omissjonijiet jew li huma falsifikati.

4. L-eżenzjoni mill-obbligu biex tiġi sottomessa informazzjoni lill-awtoritajiet tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali, imsemmija fil-paragrafu (1)(b)(iii), hija relatata ma' wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) l-eżistenza ta' sollijiet għar-reġistrazzjoni obbligatorja ta' ċerti attivitajiet jew tranżazzjonijiet;

(b) l-eżenzjoni ta' gruppi speċifiċi ta' persuni jew intrapriżi;

(c) is-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet parzjali li ma jiksrux ir-regolamenti li jirregolaw is-sistemi tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali.

5. Id-defiċenzi statistiċi fid-data li jaffettwaw l-eżawrjenza, imsemmija fil-paragrafu (1)(b)(iv), huma relatati ma' wieħed jew aktar mid-defiċenzi li ġejjin:

(a) id-data li ma tkunx kompluta, li ma tinġabarx jew li ma tinġabarx direttament;

(b) id-data li tiġi ttrattata, ipproċessata jew ikkompilata skorrettement mill-istatistiċi.

6. L-eżawrjenza hija l-istat tal-estimu tal-PDG (u konsegwentement tal-ING) li jkun eżawrjenti.

7. In-nuqqas ta' eżawrjenza huwa l-istat tal-estimu tal-PDG (u konsegwentement tal-ING) li ma huwiex eżawrjenti minħabba n-nuqqas li jsiru aġġustamenti xierqa għall-eżawrjenza.

KAPITOLU 3

Deskrizzjoni tal-kalkoli u l-aġġustamenti li jiżguraw l-eżawrjenza tal-estimi tal-PDG

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jipprovdu inventarju tas-sorsi u l-metodi użati għall-produzzjoni tal-aggregati tal-ING u l-komponenti tagħhom f'konformità mal-ESA 2010 ("Inventarju tal-ING", kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1546) ([9]). Fl-Inventarju tal-ING rispettiv tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinkludu deskrizzjoni tal-lakuni identifikati fl-eżawrjenza u tal-metodi applikati biex tiġi żgurata l-eżawrjenza tal-estimi tal-PDG tagħhom u jiddikjaraw il-valur tal-aġġustamenti magħmula. Din id-deskrizzjoni għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) l-identifikazzjoni tat-tipi ta' nuqqas ta' eżawrjenza li għalihom huma meħtieġa aġġustamenti minħabba assenza, evażjoni jew eżenzjoni, jew minħabba defiċenzi statistiċi fid-data;

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1546 tat-23 ta' Ottubru 2020 li tistabbilixxi l-istruttura u l-arranġamenti dettaljati tal-inventarju tas-sorsi u l-metodi użati għall-produzzjoni tal-aggregati tal-introjtu nazzjonali gross u l-komponenti tagħhom skont is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA 2010) (ĠU L 354, 26.10.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1546/oj).

(b) l-identifikazzjoni tal-elementi individwali ta' nuqqas ta' eżawrjenza f'kull tip ta' nuqqas ta' eżawrjenza msemmija fil-punt (a);

(c) il-preżentazzjoni ta' kif it-tipi u l-elementi identifikati ta' nuqqas ta' eżawrjenza huma konnessi mal-metodi applikati biex tiġi żgurata l-eżawrjenza u l-preżentazzjoni ta' ħarsa ġenerali lejn l-aġġustamenti magħmula għat-tipi u l-elementi differenti ta' nuqqas ta' eżawrjenza;

(d) id-deskrizzjoni tal-metodi ta' eżawrjenza applikati biex jiġu indirizzati t-tipi u l-elementi identifikati ta' nuqqas ta' eżawrjenza.

Artikolu 5

1. It-tipi ta' nuqqas ta' eżawrjenza msemmija fl-Artikolu 4(a) għandhom ikunu dawk elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. Dawn it-tipi huma pertinenti għas-sitwazzjoni fejn id-data sors tinkiseb minn stħarriġ jew minn ġabriet amministrattivi ta' produtturi. Għalhekk, dawn it-tipi għandhom jiġu applikati l-ewwel u qabel kollox fl-analiżi tal-eżawrjenza fil-kuntest tal-kompilazzjoni tal-PDG mill-approċċ tal-produzzjoni. Dawn jistgħu jiġu applikati wkoll għall-analiżi mill-approċċi tal-introjtu u tan-nefqa għall-PDG dment li d-data sors tinkiseb ukoll minn stħarriġ jew minn ġabriet amministrattivi ta' produtturi.

2. L-elementi individwali ta' nuqqas ta' eżawrjenza f'kull tip ta' nuqqas ta' eżawrjenza, imsemmija fl-Artikolu 4(b), jistgħu jkunu (iżda ma humiex limitati għal) dawk l-eżempji deskritti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

3. Il-konnessjoni tat-tipi u l-elementi identifikati ta' nuqqas ta' eżawrjenza mal-metodi applikati biex tiġi żgurata l-eżawrjenza u l-preżentazzjoni tal-ħarsa ġenerali tal-aġġustamenti magħmula għat-tipi u l-elementi differenti ta' nuqqas ta' eżawrjenza msemmija fl-Artikolu 4(c) għandha tagħmel użu mit-tabelli kumplessivi li l-kontenut meħtieġ tagħhom huwa stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament. Dan għandu jsir l-ewwel u qabel kollox għall-komponenti tal-approċċ tal-produzzjoni għall-PDG u, sakemm id-data sors tinkiseb minn stħarriġ jew minn ġabriet amministrattivi ta' produtturi, għall-komponenti rilevanti tal-approċċi tan-nefqa u tal-introjtu għall-PDG.

KAPITOLU 4

Paragun bejn id-data tal-impjiegi skont is-sorsi demografiċi u l-estimi tal-PDG sottostanti tal-impjiegi

Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom jikkumparaw id-data tal-impjiegi skont is-sorsi demografiċi (il-provvista ta' ħaddiema) mal-estimi tal-PDG sottostanti (id-domanda għall-ħaddiema). Ir-riżultati ta' dan il-paragun għandhom jintużaw biex isiru aġġustamenti espliċiti tal-eżawrjenza għall-produzzjoni u l-introjtu mhux osservati jew biex jiġu vvalidati l-estimi tal-PDG. Il-paragun għandu jsir tal-anqas kull 5 snin, li jibda miċ-ċiklu ta' verifika tal-ING 2025–2029.

Artikolu 7

1. Is-sorsi demografiċi għall-provvista ta' ħaddiema msemmija fl-Artikolu 6 għandhom ikunu l-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol jew iċ-ċensiment tal-popolazzjoni (inkluż id-data amministrattiva sottostanti).

2. Id-data dwar id-domanda għall-ħaddiema msemmija fl-Artikolu 6 għandha tkun derivata mis-sorsi tal-istatistika tan-negozju użati għall-kompilazzjoni tal-PDG, li jinkludu statistika strutturali tan-negozju, ir-reġistru tan-negozji għal finijiet statistiċi, sorsi oħra relatati man-negozju, data amministrattiva jew kombinamenti tagħhom.

3. Meta r-riżultati tal-paragun imsemmi fl-Artikolu 6 jintużaw biex jiġu vvalidati l-estimi tal-PDG, iċ-ċifri tal-impjiegi sottostanti tal-estimi tal-PDG għandhom ikunu l-estimi finali tal-impjieg fil-kontijiet nazzjonali.

Artikolu 8

Il-kunċett ta' impjieg li għandu jiġi applikat huwa definit fil-paragrafi 11.11 sa 11.19 tal-ESA 2010 (li jikkorrispondu għall-popolazzjoni domestika okkupata). Peress li s-sorsi demografiċi jużaw kunċett differenti ta' impjieg (impjieg fuq bażi nazzjonali), l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jallinjawh mad-definizzjoni tal-ESA 2010 għall-finijiet tal-paragun imsemmi fl-Artikolu 6. Dawn il-miżuri għandhom jinvolvu mill-anqas l-aspetti li ġejjin:

(a) l-inklużjoni ta' persuni mhux residenti li jaħdmu għal unitajiet residenti, bħal ħaddiema migranti mhux residenti, ħaddiema transfruntieri mhux residenti u ħaddiema staġonali;

(b) l-esklużjoni ta' residenti impjegati minn produtturi mhux residenti, bħal ħaddiema transfruntieri residenti u ħaddiema staġonali;

(c) l-inklużjoni ta' ħaddiema residenti li jgħixu permanentement f'istituzzjoni; jistgħu jgħixu u jaħdmu fi stabbilimenti komunali (bħal ħabsijiet jew faċilitajiet ta' kura fit-tul), unitajiet domestiċi kollettivi (bħal istituzzjonijiet reliġjużi) u akkomodazzjoni għall-forzi militari;

(d) l-inklużjoni ta' persuni f'xogħol ta' produzzjoni għall-użu proprju (eż. attivitajiet agrikoli).

Artikolu 9

Meta jwettqu l-paragun imsemmi fl-Artikolu 6, l-Istati Membri għandhom japplikaw miżuri biex:

(a) jiddeterminaw l-ambitu tal-attivitajiet ekonomiċi li għandhom jitqiesu għall-paragun, bl-użu tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea ("NACE", Nomenclature statistique des activités économiques dans la Communauté européenne), kif stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]), u tarmonizza l-kodifikazzjoni NACE tad-data tal-impjiegi fis-sorsi għall-provvista u d-domanda għall-ħaddiema;

(b) jikkalkulaw id-data tal-impjiegi f'termini ta' "sigħat maħduma" (kif definit fil-paragrafu 11.27 tal-ESA 2010) jew "ekwivalenza full-time" (kif definit fil-paragrafu 11.32 tal-ESA 2010);

(c) jiddeterminaw il-proporzjonijiet xierqa tal-valur miżjud gross jew tal-output għal kull unità lavorattiva li għandhom jiġu applikati għal-lakuna lavorattiva derivata ta' ħaddiema (id-differenza bejn id-data tal-impjiegi skont is-sorsi demografiċi allinjati f'konformità mal-Artikolu 8 u l-estimi tal-PDG sottostanti għall-impjiegi) jekk isiru aġġustamenti espliċiti tal-eżawrjenza għall-produzzjoni mhux osservata (għall-valur miżjud gross u l-komponenti tagħha) bħala riżultat tal-paragun.

Artikolu 10

L-Istati Membri għandhom jipprovdu fl-Inventarju tal-ING deskrizzjoni tal-paragun imwettaq imsemmi fl-Artikolu 6. Dan għandu jibda bl-Inventarju tal-ING wara ċ-ċiklu ta' verifika tal-ING 2025-2029. Jekk il-paragun jirriżulta f'aġġustamenti espliċiti tal-eżawrjenza, l-Istati Membri għandhom jiddikjaraw il-valur tal-aġġustamenti magħmula. Jekk ma jsir l-ebda aġġustament espliċitu ta' eżawrjenza wara dan il-paragun, l-Istati Membri għandhom jipprovdu ġustifikazzjoni fl-Inventarju tal-ING flimkien ma' informazzjoni dwar kif ir-riżultati tal-paragun intużaw biex jivvalidaw l-estimi tal-PDG.

KAPITOLU 5

Aġġustamenti statistiċi relatati mal-introjtu *in natura* u tips jew gratwitajiet

Artikolu 11

L-Istati Membri għandhom jirrieżaminaw diversi tipi ta' introjtu *in natura* u tipi ta' attivitajiet fejn it-tipping huwa l-aktar komuni bil-ħsieb li jsiru aġġustamenti ta' eżawrjenza għall-PDG fejn xieraq. L-Istati Membri għandhom jirrieżaminaw ukoll il-metodi għal dawk l-aġġustamenti biex jiżguraw l-affidabbiltà tagħhom. Dawn ir-rieżamijiet għandhom isiru tal-anqas kull 5 snin, li jibdew miċ-ċiklu ta' verifika tal-ING 2025-2029.

([10]) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).

Artikolu 12

Ir-rieżami ta' diversi tipi ta' introjtu *in natura* msemmija fl-Artikolu 11 għandu jkopri l-entrati li ġejjin:

(a) is-servizzi ta' vetturi jew oġġetti durabbli pprovduti għall-użu personali tal-impjegati;

(b) ikliet u xorb, inkluż dawk ikkonsmati meta jivvjaġġaw fuq xogħol;

(c) it-tnaqqis fil-prezzijiet miksub f'canteens bla ħlas jew sussidjati, jew miksub b'vawċers għall-ikel;

(d) it-trasport lejn u mix-xogħol;

(e) l-oġġetti u s-servizzi prodotti bħala outputs mill-proċessi ta' produzzjoni tal-impjegatur stess, pereżempju, ikel u xorb;

(f) il-kontribuzzjonijiet għall-akkomodazzjoni/abitazzjoni b'xejn;

(g) is-self lill-impjegati b'rati ta' imgħax imnaqqsa;

(h) it-tipi l-oħra kollha ta' introjtu *in natura* li jitqiesu bħala sinifikanti f'termini kwantitattivi.

Artikolu 13

Ir-rieżami tal-attivitajiet fejn it-tipping ikun l-aktar komuni, imsemmi fl-Artikolu 11, għandu jkopri dan li ġej:

(a) taxis;

(b) ristoranti;

(c) lukandi;

(d) hairdressers;

(e) l-attivitajiet l-oħrajn kollha li għalihom it-tipping jitqies sinifikanti f'termini kwantitattivi.

Artikolu 14

L-Istati Membri għandhom jikkumparaw l-estimi tagħhom tal-introjtu *in natura* mar-riżultati tal-istħarriġ dwar il-kost lavorattiv tal-UE ta' kull 4 snin peress li l-istħarriġ jinkludi wkoll informazzjoni dwar l-introjtu *in natura*. Dan il-paragun għandu jsir kull darba li r-riżultati tal-istħarriġ dwar il-kost lavorattiv tal-UE jsiru disponibbli.

Artikolu 15

1. L-Istati Membri għandhom jinkludu fl-Inventarju tal-ING deskrizzjoni fil-qosor tar-regoli tat-taxxa applikabbli għall-introjtu *in natura* u tips jew gratwitajiet. L-Inventarju tal-ING għandu jinkludi wkoll spjegazzjoni tal-mod li bih l-estimu tal-PDG iqis kif xieraq dawn ir-regoli (eż. billi jikkunsidra x'impatt ikollhom fuq id-data tas-sors u konsegwentement il-ħtieġa potenzjali għal aġġustamenti). Dan għandu jibda bl-Inventarju tal-ING wara ċ-ċiklu ta' verifika tal-ING 2025-2029.

2. Jekk isiru aġġustamenti għal entrati speċifiċi, is-sorsi tad-data u l-metodu ta' kalkolu għandhom jiġu deskritti u l-valur tal-aġġustament għandu jiġi ddikjarat.

3. L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu wkoll fl-Inventarju tal-ING ir-riżultati tar-rieżamijiet imsemmija fl-Artikolu 11 u r-riżultati tal-paragun imsemmi fl-Artikolu 14 u jipprovdu ġustifikazzjoni u deskrizzjoni tal-modifiki relatati, fejn xieraq. Dan għandu jibda bl-Inventarju tal-ING wara ċ-ċiklu ta' verifika tal-ING 2025-2029.

KAPITOLU 6

Investigazzjoni tal-użu ta' informazzjoni mill-awditi fiskali għat-titjib tal-eżawrjenza tal-estimi tal-PDG

Artikolu 16

L-Istati Membri għandhom janalizzaw il-fattibbiltà tal-użu ta' awditi fiskali biex itejbu l-eżawrjenza tal-estimi tal-PDG. Din l-analiżi għandha titwettaq mill-anqas kull 5 snin, li tibda miċ-ċiklu ta' verifika tal-ING 2025-2029.

Artikolu 17

1. L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu r-riżultati tal-analiżi msemmija fl-Artikolu 16 fl-Inventarju tal-ING, li jibda bl-Inventarju tal-ING wara ċ-ċiklu ta' verifika tal-ING 2025-2029.

2. Din id-deskrizzjoni għandha tikkonkludi jekk l-informazzjoni dwar l-awditi fiskali tistax tintuża biex isiru aġġustamenti għall-produzzjoni u l-introjtu rrapportati ħażin (f'termini kwantitattivi) jew biex jiġu ddeterminati x-xejriet ta' tali rapportar ħażin (f'termini kwantitattivi).

3. Jekk isiru aġġustamenti ta' eżawrjenza bbażati fuq l-awditi fiskali (użu kwantitattiv), id-deskrizzjoni għandha tispjega l-mod kif tiġi adattata l-informazzjoni derivata mill-awditi fiskali biex tissodisfa dan il-fini, u għandu jiġi ddikjarat il-valur tal-aġġustamenti.

4. Jekk l-awditi fiskali jintużaw kwalitattivament, id-deskrizzjoni għandha tispjega l-mod li bih ix-xejriet identifikati ta' rapportar ħażin jiġu applikati għall-aġġustamenti tal-eżawrjenza derivati minn metodi oħra ta' eżawrjenza. Jekk l-awditi fiskali ma jintużawx fix-xogħol ta' eżawrjenza, id-deskrizzjoni għandha tispjega r-raġunijiet sottostanti.

KAPITOLU 7

Aġġustamenti statistiċi relatati ma' attivitajiet ekonomiċi illegali

Artikolu 18

L-Istati Membri għandhom jirrieżaminaw it-tipi ta' attivitajiet ekonomiċi illegali li jaqgħu fil-limitu tal-produzzjoni tal-ESA 2010 bil-ħsieb li jsiru aġġustamenti ta' eżawrjenza għall-PDG fejn xieraq u jirrevedu l-metodi użati għal dawk l-aġġustamenti biex tiġi żgurata l-affidabbiltà tagħhom. Dawn ir-rieżamijiet għandhom isiru tal-anqas kull 5 snin, li jibdew miċ-ċiklu ta' verifika tal-ING 2025-2029.

Artikolu 19

Ir-rieżami tat-tipi ta' attivitajiet illegali msemmi fl-Artikolu 18 għandu jkopri l-attivitajiet li ġejjin:

(a) il-prostituzzjoni (jekk illegali skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali);

(b) il-produzzjoni u t-traffikar tad-droga (jekk illegali skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali);

(c) il-kuntrabandu tal-alkoħol u tal-prodotti tat-tabakk;

(d) it-tipi l-oħra kollha ta' attività ekonomika illegali li jitqiesu bħala sinifikanti f'termini kwantitattivi.

Artikolu 20

L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fl-Inventarju tal-ING, billi jibdew bl-Inventarju tal-ING wara ċ-ċiklu ta' verifika tal-ING 2025-2029, ir-riżultati tal-analiżi msemmija fl-Artikolu 18. L-Inventarju tal-ING għandu jinkludi ġustifikazzjoni u deskrizzjoni tal-modifiki relatati, fejn xieraq. Jekk isiru aġġustamenti għal attivitajiet ekonomiċi illegali speċifiċi, is-sorsi tad-data u l-metodu ta' kalkolu għandhom jiġu deskritti u għandu jiġi ddikjarat il-valur tal-aġġustament.

Artikolu 21

1. Id-Deċiżjoni 94/168/KE, Euratom tħassret.

2. Ir-referenzi għad-deċiżjoni mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 22

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Tipi ta' nuqqas ta' eżawrjenza msemmija fl-Artikolu 5

Id-diviżjoni tal-attivitajiet produttivi kollha skont il-potenzjal tagħhom għan-nuqqas ta' eżawrjenza għandha tkun ibbażata fuq sett standard ta' tipi ta' nuqqas ta' eżawrjenza. It-tipi huma ttikkettati N1-N7. Deskrizzjoni ta' kull tip ta' nuqqas ta' eżawrjenza (N1-N7) u eżempji ta' elementi individwali ta' nuqqas ta' eżawrjenza f'dawk it-tipi huma mogħtija fit-tabella ta' hawn taħt.

Tikketta	Tip	Deskrizzjoni tat-tipi ta' nuqqas ta' eżawrjenza u l-elementi tagħhom
N1	**Produttur għandu jkun irreġistra (produttur ta' taħt l-art)**	— Il-produttur jonqos milli jirreġistra sabiex jevita l-obbligi tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali. Dawn spiss ikunu produtturi żgħar b'fatturati li jaqbżu s-sollijiet li fuqhom għandhom jirreġistraw l-introjtu tagħhom. — Il-produtturi li jonqsu milli jirreġistraw minħabba li jkunu involuti f'attivitajiet illegali jaqgħu taħt N2, minflok N1. — N1 ma tinkludix l-attivitajiet kollha irregolari – xi wħud huma assoċjati ma' N6.
N2	**Produttur iwettaq attivitajiet ekonomiċi illegali u jonqos milli jirreġistra**	— N2 tkopri attivitajiet ta' produtturi illegali li jevitaw ir-reġistrazzjoni kompletament. — N2 teskludi attivitajiet illegali minn entitajiet legali jew imprendituri rreġistrati li jirrapportaw (jew jirrapportaw ħażin) l-attivitajiet tagħhom taħt il-kodiċijiet ta' attività legali.
N3	**Produttur ma huwiex obbligat jirreġistra**	— Il-produttur ma huwiex meħtieġ jirreġistra minħabba li ma jkollu l-ebda output fis-suq. Tipikament, dawn ikunu produtturi domestiċi mhux tas-suq involuti fi: (i) il-produzzjoni ta' oġġetti għall-konsum tagħhom stess jew għall-formazzjoni tal-kapital fiss tagħhom stess; u (ii) il-kostruzzjoni u t-tiswijiet f'abitazzjonijiet. — Il-produttur għandu xi output fis-suq, iżda huwa taħt il-livell li fih il-produttur huwa mistenni jirreġistra bħala imprenditur.
N4	**Persuna ġuridika rreġistrata ma hijiex inkluża fl-istatistika**	— Il-persuna ġuridika ma tistax tiġi inkluża fl-istatistika għal diversi raġunijiet. Pereżempju: (i) ir-reġistru tan-negozju jkun skadut, jew il-proċeduri ta' aġġornament ma jkunux adegwati; (ii) id-data ta' klassifikazzjoni (l-attività, id-daqs jew il-kodiċijiet ġeografiċi) ma tkunx korretta; jew (iii) il-persuna ġuridika hija eskluża mill-qafas tal-istħarriġ minħabba li d-daqs tagħha huwa taħt ċertu soll.
N5	**Imprenditur reġistrat ma huwiex inkluż fl-istatistika**	— Imprenditur reġistrat jista' ma jkunx inkluż fl-istatistika għal ħafna raġunijiet. Pereżempju, is-sors amministrattiv b'listi ta' imprendituri reġistrati mhux dejjem jista' jibgħat listi kompluti jew aġġornati lill-uffiċċju tal-istatistika. — Anke jekk ikun hemm fluss regolari ta' informazzjoni akkurata u komprensiva mis-sors amministrattiv għall-uffiċċju tal-istatistika, l-imprenditur irreġistrat jista' ma jkunx inkluż fir-reġistru tan-negozju għal diversi raġunijiet (ara dawk mogħtija taħt N4).
N6	**Produttur jirrapporta ħażin id-data**	— Ir-rapportar ħażin normalment ifisser li l-output ma huwiex irrapportat biżżejjed u/jew li l-konsum intermedju huwa rrapportat iżżejjed sabiex tiġi evitata (jew imnaqqsa) t-taxxa fuq l-introjtu, it-taxxa fuq il-valur miżjud jew il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. — Ir-rapportar ħażin spiss jinvolvi: (i) iż-żamma ta' żewġ settijiet ta' kotba; (ii) il-pagamenti tas-salarji fl-idejn li huma rreġistrati bħala konsum intermedju; (iii) il-pagamenti fi flus kontanti mingħajr riċevuti; u (iv) frodi tal-VAT.

Tikketta	Tip	Deskrizzjoni tat-tipi ta' nuqqas ta' eżawrjenza u l-elementi tagħhom
N7	**Id-data hija soġġetta għal defiċenzi statistiċi**	— N7 hija suddiviża fi: (i) N7a – data li ma tkunx kompluta, li ma tinġabarx jew li ma tinġabarx direttament; u (ii) N7b – data li tiġi ttrattata, ipproċessata jew ikkompilata skorrettement mill-istatistiċi. Din id-distinzjoni hija utli biex tinftiehem aħjar il-firxa wiesgħa ta' defiċenzi statistiċi possibbli. Madankollu, fil-prattika, N7a u N7b mhux dejjem jistgħu jiġu distinti faċilment. — Defiċenzi statistiċi: il-lista li ġejja ma hijiex komprensiva, iżda dawn is-suġġetti għandhom jiġu investigati għan-nuqqas ta' eżawrjenza: — it-trattament tan-nuqqas ta' rispons għall-istħarriġ; — il-produzzjoni għall-użu finali proprju mill-produtturi tas-suq; — it-tips; — il-pagi u salarji *in natura*; — l-attivitajiet sekondarji. — Huwa ċar li mhux id-defiċenzi statistiċi kollha jirriżultaw fis-sottoestimu tal-PDG. L-enfasi hawnhekk hija li jiġu spjegati dawk l-oqsma li x'aktarx iwasslu għal nuqqas ta' eżawrjenza fil-kontijiet nazzjonali.

It-tipi N1 sa N7 huma pertinenti għas-sitwazzjoni fejn id-data sors tinkiseb minn stħarriġ jew minn ġabriet amministrattivi ta' produtturi. Għalhekk, l-applikazzjoni ewlenija tagħhom tinsab fl-analiżi tal-eżawrjenza fil-kuntest tal-kompilazzjoni tal-PDG mill-approċċ tal-produzzjoni. Dawn it-tipi jistgħu jiġu applikati wkoll għall-analiżi bl-approċċi tal-introjtu u tan-nefqa, iżda dan isir b'mod aktar faċli jekk din id-data tinkiseb minn stħarriġ jew minn ġabriet amministrattivi tal-produtturi.

Sabiex jiġi żgurat li t-tipi ta' nuqqas ta' eżawrjenza huma distinti u separati, il-loġika li fuqha hija bbażata l-formulazzjoni tagħhom hija li jaqsmu l-attivitajiet produttivi skont il-potenzjal tagħhom li ma jiġux osservati. Dan jinkiseb billi jiġu eżaminati l-karatteristiċi faċilment osservabbli tal-produtturi, b'kull karatteristika tinqasam f'sett ta' kategoriji li jkun reċiprokament esklużiv u eżawrjenti. Il-karatteristiċi għandhom jitfasslu abbażi tal-mistoqsijiet li ġejjin:

(a) il-produttur huwa rreġistrat mal-awtoritajiet amministrattivi jew le?

(b) il-produttur huwa inkluż fir-reġistru tan-negozji għal finijiet statistiċi jew le?

(c) x'inhu s-sors bażiku tad-data: stħarriġ tal-produtturi, ġbir amministrattiv jew sors ieħor?

(d) il-produttur huwa persuna ġuridika, imprenditur jew produttur domestiku mhux tas-suq?

(e) il-produttur iwieġeb għal stħarriġiet jew le?

(f) il-produttur jirrapporta korrettement jew jirrapporta ħażin?

(g) id-data kollha meħtieġa għall-kontijiet nazzjonali nġabret jew le?

Flimkien, dawn il-karatteristiċi jirfdu d-deskrizzjonijiet tat-tipi N1-N7 u jipprovdu diżaggregazzjoni komprensiva ta' nuqqas potenzjali ta' eżawrjenza. Id-derivazzjoni tat-tipi N1-N7 u r-relazzjonijiet tagħhom huma deskritti hawn taħt.

L-ewwel għandu jiġi kkunsidrat jekk produttur huwiex soġġett għal stħarriġ jew ġbir amministrattiv. Produttur ma jistax ikun soġġett għal stħarriġ jew ġbir amministrattiv għaliex:

(a) jonqos deliberatament milli jirreġistra għax huwa involut f'attivitajiet irregolari (N1) jew illegali (N2);

(b) ma għandux għalfejn jirreġistra (produtturi domestiċi mhux tas-suq) (N3);

(c) huwa persuna ġuridika iżda mhuwiex mistħarreġ (N4);

(d) huwa imprenditur reġistrat iżda mhux mistħarreġ (N5).

Jekk il-produttur ikun soġġett għal stħarriġ, id-data miksuba tista' ma tkunx eżawrjenti minħabba li jew:

(a) il-produttur jirrapporta ħażin deliberatament (N6);

(b) id-data meħtieġa ma tinġabarx jew ma tiġix ipproċessata kif suppost (defiċenza statistika) (N7).

ANNESS II

Mudelli tat-tabelli ġenerali msemmija fl-Artikolu 5

It-tipi u l-elementi ta' nuqqas ta' eżawrjenza permezz tal-metodu ta' eżawrjenza applikat — ħarsa ġenerali lejn l-aġġustamenti tal-eżawrjenza għall-output (mudell analogu għandu jintuża għall-konsum intermedju u għall-valur miżjud gross u, sakemm id-data sors tinkiseb minn stħarriġ jew minn ġabriet amministrattivi ta' produtturi, għall-komponenti rilevanti tal-approċċi tan-nefqa u tal-introjtu għall-PDG)

Tipi u elementi ta' nuqqas ta' eżawrjenza	Metodi ta' eżawrjenza								Total
	Metodu 1	Metodu 2	Metodu 3	Metodu 4	Metodu 5	Metodu 6	Metodu 7	Metodu 8	
N1									
— Element 1									
— Element 2									
— ...									
N2									
— Element 1									
— ...									
N3									
— Element 1									
— ...									
N4									
— Element 1									
— ...									
N5									
— Element 1									
— ...									
N6									
— Element 1									
— ...									
N7									
— Element 1									
— ...									
Total									
%									**100 %**